MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 129/2003

**Franco Galea**

**Vs**

**Joe Debono**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fid-9 ta' Dicembru 2003 mill-attur li permezz taghha qieghed jitlob il-likwidazzjoni u hlas ta' danni li jsostni li sofra:-

- Fid-**29 ta' Marzu 2003** meta l-konvenut qata' wire ta' l-azzar proprjeta' ta' l-attur waqt li kienu qeghdin isiru xogholijiet mill-konvenut bil-crane tieghu f'Marsalforn, Ghawdex;
- Fl-**1 ta' April 2003** meta l-konvenut hebb ghall-attur u sawtu b'wire u b'rizultat ta' liema sofra griehi ta' natura permanenti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut fl-20 ta' Jannar 2004 (fol. 7) li biha eccepixxa li:-

1. Il-konvenut jichad kwalsiasi responsabilita' ghall-incident.

2. Fir-rigward tal-incident li sehh fid-29 ta' Marzu 2003, ma tista' tigi attribwita l-ebda htija lill-konvenut u jekk l-attur sofra xi dannu m'ghandu l-ebda jedd jitlob hlas minghand il-konvenut. Dak li gara kien htija ta' xoghol abbuziv li ghamel l-attur li ghadda cable tal-kurrent elettriku min-naha ghall-ohra tat-triq bi ksur tal-ligi.

3. Ghal dak li jirrigwarda l-incident tal-1 ta' April 2003, l-incident gie provokat mill-attur li ghal xejn b'xejn u bla ebda provokazzjoni infexx joffendi, jipprovoka u jagredixxi lill-konvenut.

4. Ikkontesta li l-attur sofra xi danni legalment rizarcibbli u iktar u iktar ikkontesta li l-attur sofra xi griehi permanenti.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Mejju 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza wara li l-attur ghal darba ohra naqas milli jidher u d-difensur tal-konvenut ddikjarat li ma kienx hemm iktar provi x'jitressqu u talbet li l-kawza tibqa differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-likwidazzjoni u hlas ta' danni li jsostni li sofra f'zewg incidenti separati, wiehed li sehh fid-29 ta' Marzu 2003 u l-iehor fl-1 ta' April 2003.

2. Ikunu floku jekk dawn iz-zewg incidenti jigu trattati b'mod separat minn xulxin:-

(a) **<u>29 ta' Marzu 2003</u>** – fil-fehma tal-Qorti l-attur ma rnexxielux jaghti prova sodisfacenti li l-konvenut laqghat il-wire in kwistjoni. Mir-rapport tal-pulizija li nvestiga l-kaz (fol. 31-33) jirrizulta li l-attur ghamel rapport fis-sens li *"is-Sibt li ghadda indunajt li l-cable li kelli ghaddej mill-hanut ghall-garage kien maqtugh. Xi hadd infurmani li l-kuntrattur Joseph Debono kien laqtu waqt li kien juza crane fi Triq l-Isqof Pace."* (fol. 32). Il-Qorti m'hijiex konvinta li mill-provi rrizulta li l-wire kien laqtu l-konvenut u mhux xi wiehed mill-haddiema li kien impjegat mieghu u li fil-hin ta' l-incident seta' kien qieghed ihaddem il-crane. Inoltre, f'kull kaz l-attur ma ta l-ebda prova li f'dan l-incident sofra xi hsara.

(b) **<u>1 ta' April 2003</u>** – incident li sehh jumejn wara u li fih jirrizulta li l-kontendenti gew fl-idejn. Incident li l-Qorti tiddeskriveh bhala wiehed banali li seta' kellu konsegwenzi serji, meta il-konvenut sawwat lill-attur b'oggett li Lawrence Buttigieg (xhud okulari) iddeskrivieh bhal *"flexible"* (seduta tat-13 ta' Mejju 2008). Il-konvenut jippretendi li hu ma kellu l-ebda responsabbilta' ghal dan l-incident ghaliex isostni li kien qieghed jirreagixxi ghall-provokazzjoni tal-attur li offendieh. Fl-okkorrenza tal-pulizija li nvestiga l-kaz il-verzjoni moghtija mill-konvenut hi riprodotta b'dan il-mod: *"Fis-sahna qbadt il-pipe, bdejt inxejjru u ma nafx li lqattu. Dan wara li lili Franco beda jghajjarni b'ommi u joffendi u qalli wkoll naraw min hu il-bully. Waqt li kont se nitlaq minn fuq il-post, Franco baqa' joffendini u jiena qbadt il-pipe, hrigt minn gol van u bdejt inxejjirha."* (fol. 33). Il-verzjoni moghtija mill-attur lill-pulizija hi riprodotta fl-okkorrenza u minn fejn jirrizulta li kien ammetta li offenda lill-konvenut, ghalkemm spjega li inizjalment kien il-konvenut li resaq lejh u qallu*"xi trid tghid biha, alla hares inzertajt kont f'xi meeting ghax kont naqtaghlek rasek"* (fol. 32). Pero' l-attur baqa' qatt ma tax il-verzjoni tieghu bil-gurament ghalkemm m'hemmx dubju li l-konvenut irreagixxa u sawwat lill-attur. Jirrizulta wkoll li f'xi hin il-kontendenti gew fl-idejn u dan in kwantu fir-rapport li ghamel l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz jinghad li: *"Joseph Debono who had visible bruises on the bridge of his nose, refused medical treatment even though*

*he was so advised by the police"* (fol. 33). M'hemmx dubju li l-konvenut kellu risentiment ghal mod kif kelmu l-attur meta kkomunika mieghu bit-telefon[1] u l-Qorti verament temmen li dakinhar tal-incident il-konvenut kellu inklinazzjoni ostili. Kif l-attur wiegbu bi kliem baxx u sahansitra offendieh billi rega' semmielu lill-ommu (li mietet meta l-konvenut kien ghadu tifel), il-konvenut irreagixxa. Skond il-gurisprudenza hu principju li r-reazzjoni sabiex tigi ammessa l-iskuzanti tal-provokazzjoni bhala mitigazzjoni tad-danni, jehtieg li tkun proporzjonata (ara per ezempju sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Francesco Gauci vs Salvatore Gauci** deciza fit-30 ta' Novembru 1956). Il-provokazzjoni timplika li tkun saret xi haga li ggib maghha reazzjoni b'rizultat dirett u immedjat ta' dik il-provokazzjoni. M'hemmx dubju li l-attur tkessah iktar u iktar meta wiehed iqies kemm kien minuri l-incident li sehh fid-29 ta' Marzu 2003, li fil-fehma tal-Qorti kellu jigi rizolt b'mod civili u rieda tajba. Certament li l-atteggjament insolenti u anke aggressiv tal-attur ikkontribwixxa sabiex ta lok ghal bidu ta' din il-glieda inutli. Madankollu dan ma jfissirx li l-konvenut kien gustifikat li jsawwat lill-attur u c-cirkostanzi ma kienux tali li jiggustifikaw dik it-tip ta' reazzjoni u certament wiehed ma jistax jeskludi r-responsabbilta' ukoll tal-konvenut ghall-akkadut.

Ghal dawk li huma danni l-attur ma rnexxielux jaghti prova taghhom fis-sens li ghalkemm sofra xi griehi ma giex provat li dawn taw lok ghal xi debilita' permanenti jew hsara. L-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (Surgent 1346 Anton Schembri) ikkonferma li meta l-attur mar jaghmel rapport fl-ghassa tal-pulizija, kien jidher li kellu griehi fuq idejh, sidru u wiccu. Fis-seduta tas-6 ta' April 2005 xehed: *"dwar il-griehi fuq il-persuna ta' dan Galea, nista' nghid biss li kienu apparenti f'wiccu. Jiena deher li kienu grif. Kellu wkoll xi demm f'wiccu."* (fol. 29). Fic-certifikat mediku

[1] *"Kont qieghed fil-klassi; dak il-hin jiena ma stajtx nitkellem fit-tul, ghidtlu biex ma jinkwetax, kif inkun qieghed hemm isfel nirranga l-fildiferru. Min-naha tieghu Franco Galea baqa' jinsisti u jghajjat. Jiena min-naha tieghi wegibtu, "inti wara kollox ghandek permess biex minn dak il-garaxx tghaddi wire ghal gewwa l-bar bil-kurrent bih ?". Kif ghidtlu hekk Franco Galea sploda u beda jkellimni hazin. Beda jghidli li ser jibghatli l-kont tal-hsara. **Offendieni anke b'ommi fuq it-telefon**. Kif smajt hekk jiena qtajt it-telefon"* (seduta tat-13 ta' Mejju 2008).

mahrug mit-tabib Dr. Peter Muscat jinghad hekk: *“Above was self referred after alleged fight. On exam he had superficial abrasions both forearms, haematoma left side of forhead as well as swollen bridge of nose. X Ray bridge of nose normal. Injuries are minor in nature”* (fol. 34). Meta xehed (seduta tat-3 ta’ Ottubru 2006) ikkonferma: *“Mistoqsi mill-Qorti jekk allura kien irrizulta xi sfregju jew ukoll xi mankament nghid li le; il-feriti kienu ta’ natura hafifa. Mistoqsi l-pazjent kellux xi griehi fir-regjun ta’ rasu nghid illi kellu haemataoma fuq mohhu fuq in-naha tax-xellug u kellu mniehru minfuh”* (fol. 51). Mistoqsi wkoll jekk l-attur kienx ilmenta minn xi ugiegh f’ghajnejh, ix-xhud spjega: *“Kieku l-pazjent ilmentali b’xi ugigh jiena kont naghmel notament fuq daqshekk”* (fol. 51). Il-provi li ghandha quddiemha l-Qorti huma li l-offiza li sofra l-attur fuq il-persuna tieghu hi ta’ natura hafifa. Fis-seduta tas-6 ta’ April 2005 (fol. 37) il-Qorti:-

- ordnat lill-attur sabiex jipprezenta prospett tad-danni li qieghed isostni li sofra. Prospett li baqa’ qatt ma gie prezentat.
- hatret lil Dr. Franco Mercieca sabiex jezamina lill-attur u jirrelata dwar il-griehi li jallega li sofra. Ghalkemm il-perit mediku ezamina lill-attur u pprezenta r-rapport mediku, l-attur (minkejja l-opportunitajiet li l-Qorti tatu) baqa’ ma hallasx id-dritt u r-rapport ma giex pubblikat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li:-

1. Tilqa’ l-ewwel (1) u raba’ (4) eccezzjonijiet tal-konvenut fir-rigward tal-incident li sehh fid-29 ta’ Marzu 2003 u tichad it-talbiet tal-attur.

2. Tichad l-ewwel (1) u t-tielet (3) eccezzjoni ghall-incident li sehh fl-1 ta’ April 2003 b’dan li tiddikjara li dan l-incident sehh bi htija tal-partijiet.

3. Tilqa’ r-raba’ (4) eccezjoni tal-konvenut ghall-incident li sehh fl-1 ta’ April 2003 u tichad it-tieni (2) u tielet (3) talba tal-attur.

Spejjez jibqghu kollha a karigu tal-attur mehud in konsiderazzjoni li naqas li jressaq provi li sofra danni.

Il-Qorti qeghda tordna wkoll lir-Registratur tal-Qorti sabiex minnufih tirritorna l-file mediku tal-attur li jinsab fl-atti processwali, lis-Supretendent tal-Isptar Generali ta' Ghawdex.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------